MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Numru 753/2002

**Il-Pulizija**
**Supretendent Alexandra Mamo**
**v**

**MARY MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **MARY MUSCAT** ta' sebgha w erbghin sena mart John Muscat, bint Carmelo Magri u Julia nee Chetcuti, imwielda Marsa nhar l-ghxorin ta' Frar 1955 u toqghod 'Broomstone', Triq il-Kosbor, Zebbug, Malta, detentrici tal-karta tal-identita numru 194355M, giet mressqa quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita Kompetenti, ghamlet kummerc ta' Istituzzjoni Finanzjarja f'Malta jew barra minn Malta minghajr licenzja mill-Awtorita Kompetenti u cioe sellfet flus bl-imghax lil diversi persuni;

2. Talli xjentement kienet parti fl-ghemil jew ipprokurat jew ghenet jew hajjret l-ghemil ta' xi reat taht l-istess Att XXII tal-1994 dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji;

Rat id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha ta' Settembru 2002 esibit fl-atti a fol 9 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u l-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 23 tal-Att XXII tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji esibit a fol 8 tal-atti odjerni.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-hdax ta' Ottubru 2002 [fol 5].

Rat s-sentenza moghtija minnha fl-istess ismijiet premessi nhar l-erbatax ta' Dicembru 2004 fejn hija kienet diga ppronunzjat ruhha fil-konfront tal-ewwel akkuza u cioe li l-fatti specie tal-kaz ma jinkwadrawx ruhhom fit-terminu tal-ewwel akkuza moghtija mill-Prosekuzzjoni.

Illi ghalhekk din l-kawza llum tinsab differita ghas-sentenza dwar t-tieni akkuza u cioe jekk xjentement kienetx parti fl-ghemil jew ipprokuratx jew ghenet jew hajjret l-ghemil ta' xi reat taht s-subartikolu 1 tal-Att XXII tas-sena 1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Att XXII tas-sena 1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur jirrimetti ruhu ghal atti u jaghmel referenza ghal verbal tas-seduta tal-hdax ta' Ottubru 2002 [fol 79].

Semghet lil Avukat Difensur jghid li m'ghandu xejn xi jzid mad-difiza maghmula minnu fl-udjenza qabel m'inghatat s-sentenza fuq imsemmija salv li din l-ahhar akkuza moghtija ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta tohrog mill-ewwel akkuza fis-sens li tipprovdi ghal min hu komplici fl-ewwel akkuza [moghtija mill-istess Prosekuzzjoni] u ma tisusistix bhala reat distint u separat u ghalhekk ma tistax tigi trattata bhala reat *ut sic*.

Il-Qorti ezaminat l-atti u ma hemm dubbju li dak li qalet d-Difiza huwa minnu fis-sens li, una volta din il-Qorti ma sabitx lil imputata hatja tal-ewwel akkuza u cioe li ma kisritx l-artikolu 3 tal-Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta, ma tistax llum ssibha hatja tal-akkuza konsekuttiva u cioe li aggixxiet bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-istess Kap 376.

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 3, 22(2) tal-Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lil imputata MARY MUSCAT hatja u tilliberha minn kull akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------